

Brussell, 28 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14256/23

UEM 326

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Banka Slovenije

1. Skont l-Artikolu 27.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-kontijiet tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
2. Fl-10 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Mazars, družba za revizijo, d.o.o. għandha tinħatar bħala l-awditur estern ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji mill-2024 sal-2026.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jistieden lill-Kunsill biex jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni rilevanti kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument ST 12255/23, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.